# Leħen il-Malti

MAĦRUĠ

MILL-*GĦAQDA TAL-MALTI* (UNIVERSITÀ)

LA TMISSUX IL-MALTI
JEKK IDEJK MHUMIEX SAFJIN

**Ir-Raba' Sena** **Jannar, Frar 1935** **Għadd 47, 48**

Mitbugħ fl-"Empire Press" 266, Strada San Paolo — Il-Belt

The Royal University of Malta

# LEHEN IL-MALTI

MAĦRUĠ MILL-"GĦAQDA TAL-MALTI" (UNIVERSITÀ)

**JANNAR u FRAR 1935] IR-RABA' SENA [Għadd 47 u 48**

## IL-KUMITATI TAS-SENA 1935 U L-MALTI

Fil-gazetta tal-Gvern tal-4 ta' Jannar, qrajna t-taħbira tal-Kumitati li għandhom jaħdmu f'din is-sena f'ħafna millfriegħi tal-ħedma tal-Gvern: Kumitati tas-Saħħa, tat-Tobba, tal-Biblijoteki, tal-Għajnuna tal-Fqar, ta' Mard il-Ġdiem, ta' Mard il-Moħħ, għan-Nies qiegħda, tat-Tiġrijiet tad-Dgħajjes, tal-Qdumijiet, tal-Biedja u oħrajn. Fuq dawn ma nitkellmux, iżda fosthom kollha deħrilna li għandna nsibu wkoll daqxejn ta' Kumitat jew "Board", sejjaħlu kif trid, tal-Malti. Fittixna, flejna, għarrixna. . . bah! Għandhom il-Kumitati tagħhom imqar *il-Badge Days*, l-ifran u l-kaldaruni, imma għall-Malti xejn, xejn. Għaliex?

Tkellimna fuq dan fl-aħħar għadd ta' *Leħen il-Malti* fejn urejna l-ħtieġa li jitwaqqaf Kumitat biex jagħti parir lill-Gvern f'kulma jmiss il-Malti. Inżommu l-fehma tagħna u nwettqu aktar bis-sħiħ dak li ktibna.

Il-Malti daħal f'ħajja ġdida. Biex jista' jgħix f'din il-ħajja l-ġdida jaħtieġlu nies imħarrġin fit-tagħlim, li jkunu jafu jrabbuh sa ma jikber, jissaħħaħ u jkun jista' jgħix waħdu. Imma żgħażagħ imrawwmin tajjeb f'tagħlim il-Malti għad ma hawnx biżżejjed, u għalhekk jista', bħal xejn, ikun imdaħħal fix-xogħol tal-Malti, fil-Qorti jew x'imkien ieħor, min mhux tajjeb għal dak ix-xogħol, għalkemm jista' jkun tajjeb għal l-aħħar għal kitba oħra tal-Malti. Ħsara kbira għall-Malti fl-ewwel jiem tal-ħajja tiegħu! Tassew li

min għandu f'idejh it-Tagħlim u t-Tmexxija tal-Pajjiż għamel dejjem li seta' biex ibiegħed din il-ħsara, imma l-għajnuna qatt ma hi żejda. Min jista' jmieri li l-Biedja mhix f'idejn tajba? U madankollu s-Suprantendent tal-Biedja għandu wkoll il-Kumitat tiegħu, biex igħinu jmexxi aħjar ix-xogħol tiegħu.

Barra minn dan in-nuqqas ta' nies imħarrġin tajjeb fil-kitba tal-Malti nibżgħu minn ħsara akbar. Il-Malti kellu u għad għandu l-egħdewwa tiegħu, li l-lum ħorox aktar minn dari. Ma jistgħux jaqbdu fih, iġarrfuh u jeqirduh bid-dieher, iżda nibżgħu li minn taħt, bil-moħbi, bil-ħjiena jdaħħlu fil-Malti l-marda li tmewwtu. Sa ftit żmien ilu ħuġġieġa nar ta' mibegħda kienet thedded li teqred il-Malti quddiem għajnejn kulħadd; il-lum din il-ħuġġieġa tidher mitfija, imma min jaf għadx baqa' taħt ir-rmied xi ġamra tistenna xi riħ tajjeb biex taqbad u teqred f'daqqa?

Mhux biża' ta' tfal żgħar il-biża' tagħna, iżda biża' ta' min iħobb u ta' min ra sa fejn tasal il-mibegħda għall-Malti. Kollox iħassibna u kollox ibeżżagħna, għax inħobbu; u għalhekk irridu li l-Malti, bħal xitla tarija, ikun imdawwar, u jdum imdawwar sa ma jikber u jissaħħaħ, b'ħajt għoli u qawwi biex u la nfiħ ir-rwiefen u lanqas ebda ħsara oħra, diehra jew moħbija, ma tista' tilħqu.

U issa nġeddu t-talba tagħna li l-Gvern iwaqqaf Kumitat tal-Malti u jagħtih is-setgħa li jitkellem f'kulma jmiss il-Malti, jiġifieri, programmi ta' tagħlim, kotba ta' l-iskejjel, eżamijiet tal-Malti, dħul ta' impjegati għall-kitba tal-Malti fil-Qorti, traduzzjonijiet u ħwejjeġ oħra bħal dawn. U nżidu ngħidu wkoll li ladarba l-Gvern għandu traduttur tal-Malti, ikun aħjar li jdaħħal lil dan ma' l-Avukat tal-Kuruna, fejn ix-xogħol tiegħu bħala traduttur hu aktar meħtieġ.

Jekk ma jsirx hekk nibżgħu li l-Malti jiġrilu bħal siġra mħawwla fil-beraħ tar-raba', imħabbta minn kull naħa mir-rwiefen li jekk ma jqaċċtuhiex għal kollox, inixxfulha weraqha, ineżżgħuha mill-frieghi, sa ma jibqa' żokk għeri, bla ġmiel, bla saħħa, bla ħajja.

# BEJN L-ERBA' ĦITAN TAD-DAR

Minn tieqa għolja ta' dar fi truf il-Belt l-aħħar dija taxxemx nieżla kienet tidħol u ddawwal b'dawl aħmar mejjet żewġ uċuh ħosbiena, donnha trid titkixxef it-taħmim u t-taħbit tal-ħajja tad-dar, moħbi bosta drabi għal għajnejn id-dinja taħt kisja qarrieqa ta' tlellix, ta' ferħ, ta' hena. Tnejn min-nies kienu bil-qiegħda quddiem xulxin, it-tnejn wiċċhom imqarras, it-tnejn mikdudin minn ħsebijiet li ma jaqblux. Ir-raġel, li kellu qrib il-ħamsin sena b'minkbu fuq mejda żgħira, b'subgħajh jobormu u jfettlu nitfa karta, u b'rasu mgħaddsa donnha mgħobbija b'toqol li ma tifilħux. Quddiemu, mixħuta fuq sufan, mara ftit iżgħar minnu, b'subgħajha jilagħbu maż-żibeġ ta' ħannieqa twila mdendla ma' għonqha, u b'żewġ għajnejn jilmaw u jigru b'ħarsa mitlufa minn hawn għal hemm, donnhom ifittxu xi ħaġa li ma jistgħux isibuha. L-aħħar ħajta dawl tal-jum sa tintefa, ħemda, swied ta' qalb...

—Afli jaħtieġ tifhimha u ddaħħalha f'rasek, qal fl-aħħar ir-raġel, li ma nistax u ma nistax. Meta stajt, qatt ma għidtlek le, dejjem ħallejtek tonfoq u tixtri kemm trid u li trid, qatt ma ndħaltlek meta kont tħit libsa f'libsa; sefirtek ukoll meta tejjiġna, ħadtek Pariġi, xtrajtlek kull ma xtaqt. Tiftakar?

—Iva, u fuq dan qatt ma gergirtlek. Imma int għandek tifhimha wkoll u ddaħħalha f'rasek li jaħtieġ naħsbu għal uliedna. Żewġ xebbiet fl-aħjar tagħhom, li jistgħu għada pitgħada jitgħarrsu u jidħlu fl-aħjar djar u kif jixirqilhom, jidhirlek int li għandhom joqogħdu magħluqin id-dar, bla ma jarhom ħadd, jew joħorġu barra lebsin fuq il-moda ta' mitt sena ilu, biex imbagħad jaqgħu f'idejn xi żawwâl, li bil-kemm ikun jaqla' x'jitmagħhom? Għax ma għandhomx jilbsu suret in-nies, u għax ma għandix jiena wkoll nilbes suret in-nies, li nkun nista' nidher, bla ma nistħi, ma' wliedi fit-toroq, fiż-żjajar, fl-istedin?

—Naħseb li aktar qiegħda titlob u tnewwaħ għalik milli għat-tfal. U kemm ilek li ħitt l-aħħar libsa li għadha mhix imħallsa u ma nafx meta u kif sa nħallasha? He! il-moda! U min hi di l-moda li dejjem tqabbiżli quddiem? Tjassir ta' moħħ in-nisa u taħfif ta' bwiet ir-rġiel. Jekk trid tibqa mjassra lejn issinjura moda, ħsiebek, qassar, tawwal, wessa', dejjaq, oftoq, ħit u berfel b'kemm xniexel igħidlek moħħok jew il-moda, imma buti ma tħaffifhulix aktar, għax ilek li ħaffiftuh.

—Qatt ma kellimtni iebes bħal-lum.

— Għax qatt ma kont magħfus bħal-lum. Kont nismagħhom igħidu: tieħu u ma trodd sa l-iswar tħott; u dan il-kliem ġejt fih. Onfoq il-lum u onfoq għada, oħroġ aktar milli ddaħħal, għoddna ħattejna sal-inqas ħaġra ta' ġidna.

—Imma int qiegħed tgħaġġibha. Għandna dik id-dar fejn konna noqogħdu kif iżżewwiġna; dar sabiħa u fl-aħjar triq tal-Belt. Dik mhix tagħna? U min għandu d-djar il-Belt, ma jistax iħit libsa u jżomm ruħu talli hu?

—Qajl, qajl. Dik id-dar tagħna u mhix. Ara, mikrija sittin lira fis-sena, tletin minnhom inħallashom kera ta' din id-dar fejn qegħdin, u t-tletin l-oħra nħallashom mgħax fuq sitt mitt lira bil-ħamsa fil-mija. U mill-kera kollu ma jibqax ħaqq libsa għalik.

—U r-raba' tal-Wardija?

—Mibjugħ aktar minn għaxar snin ilu, biex inħallas id-dejn li kont għamilt mindu żżewwiġna sa dik in-nhar. Dak ir-raba kien iġibli erbgħa-u-għoxrin lira fis-sena, u żewġ ħosjien fil-Milied u żewġ qfief għeneb fis-sajf. Qatt ma ridt inbiegħu. Missieri kien wirtu min-naħa ta' ommu li kienet tiġi mill-Barunijiet ta' S. Kelment. U dak ir-raba' kien ġej minn għandhom, u bih kont niftaħar li jien ukoll ġej minn dawk il-Barunijiet. Imma ma stajtx nagħmel ieħor. Kont marsus minn kullimkien. Kontijiet ġejjin bħax-xita, bħalma taf int għax il-biċċa l-kbira tiegħek, mgħaxijiet mhumiex imħallsin, ħlasijiet tal-iskola tat-tfal, fl-aħħar kont imġiegħel inbigħ l-aħjar għalqa biex insodd ħalq kulħadd. Ma tiftakarx daqsi?

—U dik l-għalqa tal-Baħrija?

—Dik għall-bejgħ, u għadni ma begħthiex għax ħadd ma tani daqs kemm tlabt. Ridt inbigħha fuq il-qbiela u għalhekk minn tminn liri fis-sena għamiltha tnax u tlabt tagħha erba' mitt lira. Ilu sena s-samsar jiġri biha, imma ħadd ma tah aktar minn mitejn lira.

—U mitejn lira mhumiex flus? Għax ma tbigħhiex?

—Għaliex? Għax mitejn lira bil-kemm immisshom b'idejja. Mitt lira u sentejn mgħax għandu jieħu Peppi, dak li kellu f'idejh ir-raba' tagħna tal-Wardija; ħamsin għandu jieħu Bertu ta' Lieni, dak li konna għammidnielu l-aħħar tarbija li kellu; tal-ħanut ilu sitt xhur ma jitħallas; l-aħħar libsa li għamilt int għadha mhix imħallsa. Tara li minn mitejn lira ma jibqalna anqas biex inbillu griżmejna. Għalhekk jien kieku ridt indaħħal tal-għalqa mqar tlitt mija jew tlitt mija u ħamsin lira. Xejn, xejn ikollna

biex inġebbdu għal xi sentejn, qabel ma nerġgħu nibdew niddejnu.

—Biċċa kiefra din li ma tistax tagħmel libsa! Imma, ara, aħna nistgħu nnaqqsu n-nefqa tad-dar, u b'dak li nnaqqsu nfaddal biex inħallas il-libsa. La nkun id-dar ħadd ma jaf x'niekol u x'nilbes u x'nagħmel, imma, la noħroġ barra, rrid inżomm ruħi talli jien, kif jixraq.

—U x'baqalna nnaqqsu? Ħriġna mid-dar tagħna u ġejna noqogħdu hawn, biex tagħna nikruha; is-seftura bgħatnieha; il-ħassiela tlaqnieha; l-gazetti li kont imsieħeb fihom qtajthom kollha; il-ħelu ma għadux jidher ġo darna; ikel kemm ma mmutux bil-ġugħ. X'baqalna nnaqqsu? Immorru noqogħdu f'xi toqba f'kerrejja jew nikru r-raħal biex innaqqsu l-kera? U l-ġieh ta' isimna x'isir minnu?

—X'waħda din, fiex ġejna!

—U f'dan ġiebni missieri. Għax billi wiret xi ħaġa li biha kien jista' jgħix bla ma jagħmel xejn, qatt ma ħabbat rasu wisq fuq it-tagħlim tiegħi, qatt ma ħaseb li jagħtini professjoni jew iqabbadni xi impieg tajjeb, għax min għalih il-professjoni u l-impjegijiet igħoddu biss għal min ma għandux renta. Min għandu ħwejjġu għajb għalih igħarraq saħtu fuq il-kotba jew jitjassar mal-impjeg. Hekk kien jaħseb missieri, u l-lum qiegħed nara kemm kien jaħseb ħażin, għax kieku ħadt professjoni, bħal ma kelli xewqa meta kont żgħir, jew għallinqas qbadt xi impjeg, kieku l-lum ma ninsabx filli ninsab.

* * *

Ħoss ta' riġlejn u daħk ferrieħi nstama' ġejj mit-taraġ, u żewġ xbejbiet fuq ruħhom, ferħanin b'żgħożithom, b'wiċċhom u lbieshom bħal tal-*figurini* daħlu biex iżidu d-dwejjaq ta' ommhom u ta' missierhom.

S.

# BIEX TIĠĠIELED TRID TKUN TNEJN

Kont qiegħed ktieb naqra
f'kamarti fis-skiet,
xħin nisma' taħdita
sew għadha kif bdiet,
taħdita li sejjer
inniżżel kif smajt
mill-ħżuż li jien b'għaġla
ħarbixt hemm kif stajt.

Mal-ġabra tal-kotba
li ngħożż bl-aqwa ħbieb
jien għandi f'kamarti
arloġġ ħdejn il-bieb;
*grand father's* jissejjaħ
b'injamtu msewwsin,
li juru li fuqu
għaddew bosta snin.

Beħsiebek—smajt jibda
jitkellem l-injam—
iddum hekk ittektek
mingħajr qatt serħan?
ittektek, ittektek,
jekk jidħku henjin,
ittektek, ittektek
jekk jibku mdejqin

in-nies ta' madwarna
li l-ħabel jagħtuk
u b'għaxqa ta' qalbhom
lil ħbiebhom juruk.
L-arloġġ iżda baqa'
itektek kif kien
bħalkieku mhux lilu
intqal dak il-kliem.

Għalhekk l-ieħor kompla
bl-inkejja u qal:
Nixtieq li kont iqsar
għall-medda tat-tfal!
Eh! kieku int ilek
imħassar, ja fitt!
Eh! kieku int ilek,
wisq ilek li skitt!

Għalxejn tawni l-għamla
għalik ta' tebut?
Iv'int dejjem sejjer?
Iv'int qatt ma tmut?
L-arloġġ iżda reġa'
għamilha ta' trux
u kelma li kelma
lil dak ma weġbux.

L-injam reġa' qabad
igorr, imma ra
li tkellem kemm tkellem
kien baqa' b'li ħa.
U jiena bdejt nidħak
għax rajt li tassew
hu l-qawl li x-xjuħ tagħna
għalina ħallew:

Li jekk trid tiġġieled,
tkun waħdek għalxejn.
Mill-inqas għall-ġlieda
jaħtieġ li tkun tnejn.

C. M. B.

# LI STRINA TAS-SUR NAZ

Ma nafx kemm dam iredden is-sur Naz, x'beħsiebu jatiha bħala Strina lil martu f'din is-sena! Xtaq bil-ħerqa jbiddel dik id-drawwa ta' Pizzolu: ħwietem, barbazzali, ħnienaq, ċappetti, labar, lbiesi jlellxu... u x'naf jien! xtaq joħroġ b'xi ħaġa li qatt ma basritha! li tkun għal qalbha, li tgħożżha bil-wisq iżjed minn dak is-sarbut xarbitelli li jatiha kull sena bħala strina!

U ħabbel rasu mhux ftit, għad li s-Sur Naz ma kellux fiex u biex iħabbel moħħu, għaliex ħobżu maħbuż u żejtu fil-kus! iżda, ħej, l-Istrina kien, ngħiduha, bħal joqtol għaliha, imbagħad l-aktar lil Milja tiegħu!

It-tnein *kieku* kienu jgħixu ħienja għaliex ġid kellhom bir-radam, iżda kellhom għoqla f'qalbhom liema bħala: bla tfal. Xi swielhom li kellhom dar mimlija daqs ɔajda b'għamara kif imiss? Xi swielhom dak il-*car* mill-isbaħ? Xi swielhom dak il-palazz ċkejken f'San Pawl tat-tarġa? Dak ir-Radju mill-aqwa? Xi swewlhom dawk l-eluf ta' liri fil-Bankijiet kollha ta' Malta? Iżda b'dan kollu xewqa dejjem tgħawwrilhom qlubhom, l-aktar mita jkunu l-Gotti, il-Barrakka u jilmħu xi tarbija. Ħares koċċ Mil, xi ħlewwa dik it-tifla li qiegħed imexxi dak tan-Nejvi?

Is-Sa Mil tqaħqaħ bil-kedda u erħilha tgħarrex minn wara iż-żgieġ tal-uċċali mdieheb: Ħelwa, ħelwa, u taqleb il-kliem fuq ftietaq oħra. *Fit-tokis.* Ara Mil l-anġli kif ikunu, ara x'ras nokkli dik! issa kieku kellna tifel bħal dan, ma kienx ikollna l-aqwa għaxqa f'darna?... Martu tħoss dan il-kliem bħal tingiż tal-labar f'qalbha, iddendel geddum t'iswed u tibqa' bla ma tlissen kelma sa l-għada filgħodu. Is-sur Naz jintebaħ li niggeż, iżda jagħmilha ta' l-iblaħ biex ma jħallasx dwana. Hi kif inhi waslet l-aħħar tas-sena. Is-sur Naz trakka ma' ħabib u kelma ġġib l-oħra bħaċ-ċirasa, iddawwar sa ma nġabar, u t-tlablib baqa' sejjer ġmielu bejniethom quddiem Kastilja: fl-aħħar infirdu. Moħħ is-sur Naz beda mill-ġdid idoqq: iva x'sa naqbad nix-trilha? Min jaf Lafajett insiblux xi ħaġa sabiħa? Min jaf hekk... min jaf hekk... sa ma wasal fejn iqegħdu l-Ark ta' San Pawl, għaliex kien joqgħod fit-triq tal-Masri; iżda kif sa jaqbad it-taraġ ma nafx x'kien hemm iżelleġ fl-art, għaliex is-sur Naz tagħna kien għoddu qabad fenek imsawwar ġmielu li

ma żammx malajr mal-ħajt: oqq, kif kont sa nixkana! għajnejh ltaqgħu ma' sorra tawwalija mġennba taħt sew fejn żamm qawwi: dan x'ikun? tbaxxa, refagħha, ressaqha taħt id-dawl tal-fanal fil-kantuniera, għal-bidu ma riedx jemmen l-għajnejh, iżda mita ra li kien tabilħaqq minnu, indehex, tbikkem u jħaddan ma' qalbu s-sorra, jitriegħed bil-ħasda u b'ferħ kbir, wasal f'daru. Għemeż lill-qaddejja u din bis-sikta u l-galbu kollu ħaditlu t-tagħbija għażiża tiegħu, għamel sebgħu l-werrej fuq xuftejh u tala' fuq ħdejn martu.

L-għada l-ewwel jum tas-Sena l-Ġdida. Daqq fil-bibien tal-ħwienet, kulħadd jixtieq lil xulxin risq u hena, min igħid bil-fomm biss u minn bil-qalb ukoll. Wasal nofs inhar, waqt id-diżerta is-sur Naz neħħa s-sarvetta minn madwar għonqu: Mil, il-lum l-ewwel tas-sena, bħal dejjem b'qalbi kollha nixtieqlek dak kollu li qalbek tixtieq; nittama f'Alla li ngawdu 'l xulxin għal l-aktar żmien twil. Hawn sejjaħ lill-qaddejja: din fehmitu u mill-ġdid daħlet ġewwa. "Mil, din id-darba sa natik l-aqwa Strina li qatt tajtek iżda billi l-Bambin l-ewwel ta lili, jixraq immela li jkollna sehem minnha t-tnejn!"

Is-Sa Mil sa hawn ma fehmet xejn iżda kif rat lil-qaddejja tfeġġ b'tarbija ħelwa zokkor, għadha ta' ftit jiem ħajja, ħedlet, lsienha tqal, sfaret lelluxa, qalbha bdiet tħabbat qawwi, ħaditha bdiet tiksilha il-ħlejju wiċċha b'bews l-aktar sfieqi. Imbgħad it-tnejn inxteħtu quddiem xbieha ta' Sidtna Marija tal-Ħniena u bid-dmugħ iġelben ma' ħaddejhom raddew ħajr l-aktar kbir lil Dak li jaqra fi qlub kull maħluq u lill-kbira Ommu talli fil-ħniena ta' bla tarf tagħhom riedu jdewquhom ftit minn dak l-hena li jġarrbu l-omm u l-missier mita għal l-ewwel darba jaraw il-frott ta' mħabbithom li jkun mbierek bir-rabta għażiża u qaddisa taż-żwieġ mqaddes.

K. A. H.

Għżira 16-12-34

# FID DAWL TA' QAMAR

Sant'Anġlu mgħargħar f'dija ta' fidda jixbaħ
xi ġgant imlibbes l-azzar wara taqbida,
merħi f'għaxqa ta' ngħas ħelu, serrieħi,
imħannen f'ħolm ta' rebħ li jixtieq jirbaħ.

L-iġfna marbuta fid-daħliet kennija
igħaġġbu lir-ruħ bil-qilla ta' kburithom:
tistħajjilhom għassiesa għat-taqbida
ta' xi għedewwa qliel dlonk mistennija.

Xi dgħajsa 'l hinn u 'l hawn b'dawl żgħir ħamrani
għaddejja l-baħar siekta għal xogħolha,
l-ilma mifruq mid-daqqa ta' l-imqadef
jagħmel bħal mewġ żgħir abjad kaħlani.

L-ibliet fil-qrib, l-irħula aktar fil-bogħod
sa fejn tasal il-għajn fid-dawl tal-qamar
mingħajr wiri ta' ħajja qishom oqbra
ħsieb ta' għana li għalih tħossok tirtogħod.

C. M. B.

# IRQAQAT TAL-KITBA

Fl-aħħar ħarġa ta' *Leħen il-Malti* (faċċ. 15) ktibna : *il-vokali i fil-bidu ta' kelma tinxorob mill-aħħar vokali tal-kelma ta' qabilha meta mhix biċċa mill-kelma; meta hi biċċa mill-kelma ma tinxorob qatt.*

Dan ktibnieh wara li domna ħafna nqabblu l-Malti mal-Għarbi fit-tnissil u fit-tiswir tiegħu, u jidhrilna li ma jista' jmerih ħadd. Iżda s-Sur J. Buħagiar uriena li ma jaqbelx magħna, u hawn sa nġibu dak li kitbilna, mhux biex nifthu l-bieb għall-ġlied, iżda biex inwieġbu lilu u lil min jaħseb bħalu u biex nuru kemm jogħġobna li wieħed jifli tajjeb u jifhem kif inhi maħduma l-kitba Maltija.

L-ewwelnett qal li l-ilsna kollha jieħdu kliem minn għand xulxin, u l-kliem, meta jidħol fi lsien ieħor, jinża' l-libsa tiegħu u jilbes libsa oħra. Sa hawn naqblu miegħu għal kollox.

Qal ukoll li fil-Malti għandna drawwa li meta kelma tispiċċa b'vokali, il-kelma ta' warajha trid tibda b'konsonanti, barra minn meta jkun hemm xi mistrieħ (jew *virgola)*, inkella l-ewwel vokali tal-kelma ta' wara jkollha l-aċċent, bħal : *jiena nkun*; *malli naslu*, *insibu l-ikel*; *dana itjeb*. L-eżempi tajbin, iżda biex nifhmuhom, jaħtieġ nifhmu s-sies li fuqu mibnija d-drawwa jew liġi li semma. *Jiena (i)nkun*, il-vokali *i* tinxorob mill-vokali ta' qabilha, għax hi żjieda barranija u mhix meħtieġa; *insibu*, il-vokali *i* ma tinxorobx għax iż-żewġ kelmiet *naslu* u *insibu* huma mifrudin bejniethom; *itjeb*, il-vokali *i* ma tinxorobx għax hi biċċa mill-kelma, jiġifieri l-konsonanti semija *hamża* bil-vokali *i* magħha, u għalhekk iż-żomm dejjem sħiħ, imqar meta titlef l-aċċent, hekk : *ħadilna isimna.*

Iżjed : il-kliem li daħal fil-Malti mit-Taljan jew mill-Ingliż, għandna nġagħluh joqgħod għad-drawwiet tagħna, u niktbu : *meta kkmanda*, (għal din ir-raġuni nfisha jiena għidt li għandna niktbu *meta ikkmanda)* għax inkella tintilef dik il-mużka sabiħa li hija bħal dik tal-lsien Franċiż li tgħaqqad l-aħħar biċċa ta' kelma mal-bidu ta' l-oħra, biex tingħimel sillaba waħda, ħoss wieħed, bħal : *me-tak-kmanda*. Hawn hi l-għoqda li jien ridt inħollha b'dak is-sies li qegħidt fuq. Is-Sur Buħagiar, jekk fhimt tajjeb, ried iħollha bil-widna. Iżda l-widna, bħalma tgħinek, tista' tfixklek ukoll. Jekk xi drabi ż-żewġ kelmiet jinħassu bħala kelma waħda : *meta kkmanda*, bosta drabi jinħassu aħjar bħala żewġ kelmiet mifrudin, bil-vokali *i* bejniethom. Min ma jsem-magħx il-ħoss *i* meta jgħid : *kienu ikkmandati, kienu ixxurtjati* ? U għalhekk naħseb li l-widna aktar titlob milli tbarri l-vokali *i*.

Iżda l-kustjoni kollha hi hawn: Hija l-vokali *i* fil-kliem li semmejna biċċa mill-kelma jew żjieda għall-ħeffa tal-kelma? Jekk hi biċċa mill-kelma, bħalma naħseb jien, għandna niktbu: *meta ikkmanda* Jekk mhix biċċa mill-kelma, niktbu kif igħid Buħagiar; *meta kkmanda* Hekk għandha tinħall il-għoqda

Fl-aħħar qalli flok: *meta ibbies*; *ħadilna isimna*, jidhirli li għandna niktbu: *meta jbbies*: *ħadilna jsimna*. Le; għax il-*j* tista' ssir *i*, imma *i* ma ssirx *j*. Kif isir dan ingħiduh darb'oħra.

Nistqarr u naqbel mas-Sur Buħagiar li biex tifhem aħjar il-kitba tal-Malti jaħtieġ li tkun taf ilsna oħra, u l-aktar ilsien Għarbi, iżda jekk il-kotra tal-Maltin hi nieqsa minn dan it-tagħlim (u għax ma għandux ikollna tagħlim il-Għarbi, bħalma kellna snin ilu?), ma jidhirlix li l-kitba tal-Malti għandha tibqa' nieqsa minn dak it tirqim li jgħolliha fuq kull kitba oħra.

P. P. SAYDON

# BEJN IX-XITA

*(SNAPSHOT)*

Ix-xita ħdiet għal ftit, w ix-xemx bil-ħeffa
minn bejn is-sħab imxerred mas-smewwiet
daħħlet id-dawl; u kollox sar ħuġġieġa
bajda, tal-fidda.

Il-baħar deher mifrux bi ħrief qabbieża;
il bjut w it-toroq bċejjeċ t'aluminju;
l-għelieqi mbejta saru donnhom 'iġbla,
widien w għadajjar.

Is-siġar li ftit ilu tilfu l-weraq
u l-għana ħlejju tal-bejtiet kennija
bħal stejqru w bjadu, saru ġeġwiġija
ta' sriep tal-fidda.

Il-qaws tas-sema feġġ kollu setgħani;
imma għal ftit biss, għax l-iġfna tal-provenz
ħatfulu s-saltna w tefgħu dalma w ħalba
kbira ta' xita.

18-12-34. A. B.

# KLIEM MHUX MIĠBUR

## BIEX MA JINTILIFX

*Lant* : Wiċċ ħaxix, ingħidu aħna ingliża jew furrajna, li jkun laħaq għal qtugħ. *Lant* tfisser ukoll sengħa li wieħed jieħu jew rimja li jinxteħet għaliha :

X'lant sa' tatih (jew tqabbdu) lil ibnek? — Taqbad lant ħażin jew tajjeb, jiġifieri taqbad sengħa tajba jew, b'xebħ, tagħti ruħek għal ħajja tajba jew ħażina.

*Falla* : Għilt li jibqa' bħal tebgħa f'isem bniedem. "Lil din ix-xebba ħadd ma jrid jiżżewwiġha, donnha għamlet xi falla." Għal l-ewwel din il-kelma donnha ġejja mit-Taljan "fallo", imma li kien hekk bil-Malti kienet titgħawweġ f'fallu. Fil-Għarbi tfisser "tixlifa"; jista' jkun li ġejja minnha.

*Titpartax* : Titpaħpaħ; jingħad għal simna li mhix mis-saħħa, imma simna tal-għażż, inkella ta' xi mard. Din il-kelma tingħad ukoll għal meta laħam il-bniedem jibda jerħi bix-xjuħija jew tgħellil.

*Titfaqqam* : Titkessaħ, ingħidu aħna, xi xebba li biex tagħmilha tal-ħelwa toqgħod tgħawweġ ħalqha.

Karmni ma għandhiex biex titfaqqam.

*Titlef* : Tnixxi. Din il-kelma timxi ħafna Għawdex. Aktarx li hi mqassra minn *titlef l-ilma*, kif f'dan is-sens igħidu "tagħmel" imqassra minn "tagħmel l-ilma",

Dan is-satal jitlef jew inkella "jagħmel."

*Tiżżakkar* : Titkessaħ : *imżakkar-ra* : kiesaħ, kiesħa.

*Sellieħa* : Bħal ħass tal-baħar ftit twil.

*Qożżot* : Kelma ta' tmaqdir. Lil wieħed li jridu jmaqdruh igħidulu "Dak qisu qożżot!" Kulħadd jaf bit-tgħajjira tar-ragħaj lil Jannar "Qożżot, qożżot, għalik Jannar."

*Tqożżhom* : Tilgħabhom; tilgħab flusek.

"Tih iqożżhom il-ħin kollu u jħalli lil martu fil-għera.

*Fajt* : Tajn; ċaflis.

*Tiftaħar* : Jingħad għal tiġieġa li wara li tkun biedet tibda tqaqi tqaqi bħal kieku trid tgħid "jien, kos! bidt bajda!"

Għalhekk għal wieħed minfuħ bli jagħmel igħidu li jħobb jiftaħar qisu tiġieġa.

*Bżest* : Din il-kelma smajtha min għand Għawdxi xiħ ta' fuq is-sebgħin li meta l-kliem waqa' fuq li l-Għid, din is-sena ġej għali, qal li "l-Għid bejn meta jilħaq baxx u jiġi għali jaqbeż il-*bżest*. Xħin saqsejtu xi tfisser "bżest" qalli li tfisser "żmien".

*Mejla mejla*: Jingħad għal min ma jistâx jaf x'jibda jagħmel imma issa jmil lejn ħaġa issa lejn oħra.

Daqqa nixtieq immur Malta, xi drabi nixtieq nibqa' Għawdex, ma nafx x'nagħmel, mejla mejla!

*Tirtakat*: Tieħu daqqiet ta' skossi, ingħidu aħna, karrozza mħendma jew karettun mfarrak.

Din il-karrozza qadima min jaf kemm sa' tirtakat biex tasal mill-Belt sal-Marfa.

*Tuba*: Ras qargħa, jew kif igħidu l-Birgu "tontu" mill-ispanjol "tonto".

*Ġitt*: Għadd aktarx kbir ta' xi ħaġa jew nies.

Il-qassis kien mdawwar b'ġitt tfal.

*Miftuħa*: Rasu miftuħa bl-imsiemer: jiġifieri mimlija bihom.

*Slett*: Xi ħaġa rqiqa. Din il-kelma smajtha f'għidud bħal dan.

"Toni baqa' rqiq qisu slett."

*Faqgħa*: Xi ħsara li tiġi fuqek lanqas taf kif.

Faddal flusek għal fqiegħi li jistgħu jiġuk.

*Tagħżel*: Taqla'l-għadam minn postu b'xi daqqa ta'ponn u hekk.

Inħoss għadmi kollu magħżul bix-xebgħa li tajtni."

*Malluta*: Xi biċċa ċarruta mwarrba.

(a) Ġib il-malluta għal ħasil tal-platti."

(b) Tilqit ta' ċraret jew bċejjeċ ta' ħwejjeġ żgħar.

Kelina perrċet ħafna mlalet biex jinxfu.

*Tqartaf*: Tħawwad u tisrom lil xi ħadd bħalkieku b'xi xebgħa. "Din il-mara erħilha għax tqartfek b'xi xebgħa.

Bniedem liebes ħażin u misrum igħidu li hu "mqartaf."

*Suqi-ja*: Dħuli;

Man-nies trid tkun suqi; jiġifieri trid tagħraf tmur magħhom.

*Suqi* jissejjaħ ukoll dak il-bniedem li moħħu jilħaqlu li hu bniedem tas-suq.

*(Fadal)*

Ġużê Aquilina

# TAGĦRIF

## TIFĦIR

Nifirħu minn qalbna lis Sur Ġużè Pace, student fl-Università u sieħeb tal-Għaqda tagħna, li ġie wieħed mill-ewwel għaxra f'konkors ta' kitba taljana mniedi mill-Gvern Taljan bejn l-istudenti tal-Universitajiet kollha li mhumiex taljani, u rebaħ premju ta' 4500 liri taljani li llum iġibu madwar £80.

## IL-KTIEB TAGĦNA

Minkejja fina kellna għal darbtejn innaqqsu *Leħen il-Malti* u noħorġu ktieb wieħed ta' xahrejn, 16 il-faċċata flok 24. U issa x'sa nagħmlu s-sena li ġejja? Kif iridu l-imseħbin. Meta żdiedu l-imseħbin, kabbarna l-ktieb u domna sitt xhur noħorġuh b'16 il-faċċata. Imma tqarraqna. Ħafna mill-imseħbin, ġodda u qodma, ma ħallsux, anqas meta tlabnieħom il-ħlas. Kellna nerġgħu nċekknuh u minn fuq bqajna bin-nefqa fuq daharna. Ħafna mill-imseħbin baqgħu lura s-sena wkoll, x'uħud wieġbu u ħallsu, oħrajn għadhom ma ħallsux, u għalhekk kellna fuq qalbna ngħaqqdu xahrejn f'wieħed.

Jekk l-imseħbin iħallsu, u jħallsu bil-quddiem, u bla dewmien, dan il-ktieb jerġa jibda joħroġ kull xahar; jekk ma jħallsux, il-ktieb jibqa joħroġ kull xahrejn jew tlieta.

B'ħabba kull jumejn u nofs iżżommu ħajj il-ktieb tagħna.

## KOTBA LI BAGĦTULNA

*Melita Agricola*, Nru. 23-24,

*The Teacher*, Novembru u Diċembru 1934.

# Werrej tas-sena 1934-1935


| | | | |
|---|---|---|---|
| A. B. | Bejn ix-xita | Għadd | 47-48 |
| A. C. | Bejn tifel u Ġojjin | ,, | 38 |
| ,, | Ommkom marida... | ,, | 40 |
| Abela Hyzler C. | Żamm kelmtu ! | ,, | 44 |
| Agius M. | Lis-Salib | ,, | 45-46 |
| Aquilina G. | Bir-riħ fil-qalgħa | ,, | 37 |
| ,, | Xi kittieba tal-Malti ħajjin | ,, | 39 |
| ,, | Għad hemm x'nagħmlu għal Malti | ,, | 40 |
| ,, | Meta l-kelma ta'Alla ma daħletx fil-kerrejja | ,, | 40 |
| ,, | Għadam tajjeb | ,, | 42 |
| ,, | Frak minn żmien li għadda | ,, | 44 |
| ,, | Għaliex it-taljani u l-ingliżi kienu jmaqdru lsienhom | ,, | 45-46 |
| ,, | Kliem mhux miġbur | ,, | 47-48 |
| B. | Il-fuq miċ-ċpar | ,, | 37 |
| Bartolo Sir Aug. | Għada ma rah ħadd | ,, | 37 |
| ,, | Alla | ,, | 37 |
| ,, | X'inhi l-ħajja | ,, | 37 |
| Biancardi N. | Jinħtieġ kitba oħra | ,, | 38 |
| ,, | Meta Ġ. Ċesare kien misruq | ,, | 41 |
| Briffa R. | Ħsebijiet... | ,, | 37 |
| C. M. B. | Għanja ta' żmien tfuliti | ,, | 42 |
| ,, | Lil binti | ,, | 43 |
| ,, | Biex tiġġielde trid tkun tnejn | ,, | 47-48 |
| ,, | Dawl ta' qamar | ,, | 47-48 |
| Chetcuti G. | "Warda li tgħid ġrajjetha" | ,, | 39,40 |
| ,, | Lejla tal-qamar | ,, | 44 |
| Cuschieri Prof. A. | Marija | ,, | 45-46 |
| Debono K. | Qtar ta' ħsieb | ,, | 44 |
| Galea A. M. | Il-għerf ta' żmien ilu xtered fid-dinja minn Malta | ,, | 45-46 |
| K. A. H. | Li Strina tas-Sur Naz | ,, | 47-48 |
| K. F. | Sieħeb muqran | ,, | 38 |
| ,, | Mill-Istqarrijiet ta' S. Wistin | ,, | 43 |
| K. G. m. F. | Il-Ħanżira tal-Erwieħ | ,, | 43 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| L. C. | Meta niżel l-ajruplan | Għadd | 42 |
| ,, | Il-ħrafa tad-denfil | ,, | 43 |
| O. V. | Niesna għadhom igħiduhom | ,, | 41 |
| Pace G. | Rożi u t-*talkies* | ,, | 39 |
| Pisani G. | Lill-ilsien Malti | ,, | 39 |
| ,, | Il-filosofija tal-imħabba | ,, | 40 |
| ,, | Ħelsien | ,, | 43 |
| Portelli W. | Wegħda miksura | ,, | 37 |
| ,, | Ħrejjef qodma | ,, | 42 |
| (Psaila) Dun Karm | Lil Malta | ,, | 45-46 |
| ,, | Fil-Katakombi | ,, | 45-46 |
| Raimondo G. | Parir lix-xebbiet | ,, | 39 |
| S. | Stedina tas-sinjura Betta | ,, | 38 |
| S. B. | In-nisa u waħx il-baqar | ,, | 37 |
| Saydon P.P. | "Il-Għerf" | ,, | 41 |
| ,, | Lir-Rebbeħin tal-1565 | ,, | 43 |
| ,, | L-aħħar jiem tas-sajf f'Bin-għisa | ,, | 43 |
| ,, | God save the king—Eħles Mulej is-Sultan | ,, | 44 |
| ,, | Bejn l-erba' ħitan tad-dar | ,, | 47-48 |
| ,, | Irqaqat tal-kitba | ,, | 45-46 |
| ,, | ,, ,, | ,, | 47-48 |
| Vassall S. M. | Imsejken jiena | ,, | 41 |
| ,, | Ilma, ħaxix u ward | ,, | 41 |
| Vella K. | Wara l-għarqa | ,, | 37 |
| ,, | Warda safja | ,, | 45-46 |


---

☞ JEKK TĦOBB IL-MALTI, ISSIEĦEB F'DAN IL-KTIEB
U ĦAJJAR LIL ĦBIEBEK JISSIEĦBU

**Tisħib**

6d. kull sitt xhur
1s. kull sena
Kopja waħda sold
Għal barra minn
Malta id-doppju.